**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 06 ta' Mejju 2025**

**Rikors Numru 455/2023**

**Margaret Rose Sullivan (K.I. 0685148M),**
**Nutar Gerard Spiteri Maempel (K.I. 159751M),**
**Johanna Spiteri Maempel (K.I. 638353M),**
**Nicola Pace (K.I. 326356M),**
**Professur Peter Xuereb (K.I. 783554M),**
**Avukat Dottor George Xuereb, Tabib John Xuereb (K.I. 783654M)**

**-vs-**

**Anthony Henry Xuereb (K.I. 480445M),**
**Philippa Xuereb (K.I. 228657M)**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Margaret Rose Sullivan et** fil-5 ta' Settembru 2023, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

1. *Illi r-rikorrenti lkoll bejniethom huma proprjetarji tal-fond* ***11, Triq Gorg Borg Olivier Street, Sliema kanturniera ma' Trejqet ir-Regina Vittoria b'bieb iehor f'din it-triq li jgib in-Numru 9****, kif soggett ghac-cens annwu u perpetwu ta' €8.74.*

2. *Illi r-rikorrenti* ***Margaret Rose Sullivan*** *hija proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond in kwistjoni, liema porzjoni indiviza giet akkwistata minnha mill-wirt permezz ta' kuntratt ta' divizjoni tal-24 ta' Awwissu 2022 fl-Atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa,* ***DOK A*** *hawn anness u mmarkat, bejnha u bejn ohtha Elizabeth Messina, liema proprjeta` kienet minnhom akkwistata b'kuntratt ta' divizjoni iehor tal-4 ta' Jannar 1973 fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicola Said,* ***DOK C*** *hawn isfel riferit.*

3. *Illi r-****rikorrenti Nutar Gerard Spiteri Maempel, Johanna Spiteri Maempel u Nicola Pace*** *akkwistaw kwart (1/4) indiviz ta' din il-proprjeta` mill-eredita tal-mejta ommhom Concetta Spiteri Maempel li mietet mad-19 ta' Novembru 2018 skond testment tad-9 ta' Ottubru 2008 fl-Atti tan-Nutar Dottor Clyde LaRosa, liema proprjeta` giet debitament dikjarata causa mortis lill-Kummissarju tat-Taxxi*

*Interni b'kuntratt tal-4 ta' Novemrbu 2019 fl-atti tan-Nutar Dottor Jessica Said,* ***DOK B*** *hawn anness u mmarkat.*

4. *Illi r-**rikorrenti Xuereb** akkwistaw kwart (1/4) indiviz il-proprjeta` in kwistjoni mill-eredita` tal-mejta ommhom Mary Rose Xuereb armla mill-Professur George Xuereb li min-naha taghha hija akkwistat l-istess proprjeta` flimkien mal-mejta ohtha Concetta Spiteri Maempel hawn fuq riferita mill-eredita` tal-mejta ommhom Helen armla mill-Professur Alexander Carmelo Briffa b'kuntratt ta' divizjoni tal-4 ta' Jannar 1973 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicola Said,* ***DOK C*** *hawn anness u mmarkat.*

5. *Illi l-fond in kwistjoni huwa mikri lill-intimati Xuereb u ilu hekk mikri ghal generazzjonijiet lill-antekawza tal-intimati ossia l-genituri taghhom u n-nanniet taghhom u dan versu l-kera mizera ta' €203.20c fis-sena.*

6. *Illi l-fond in kwstjoni m'huwiex fond dekontrollat kif jirriulta minn* ***DOK D*** *hawn anness u mmarkat.*

7. *Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimati Xuereb qed jhallsu a tenur tal-ligi jammonta ghal* ***€203.20c*** *fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

8. *Illi ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera ghandha tizdied biss kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2023, liema awmenti huma tenwi ghall-ahhar.*

9. *Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini intimata Xuereb bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilini stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

10. *Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.*

11. *Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponent huwa intitolat jippreżenta rikors quddiem dan il-Bord fejn jitlob li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2023, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

12. *Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qieghed isofri ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu minhabba li huwa kostrett jirċievi kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu:-***

I. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi* ***l-konjugi Anthony Henry Xuereb (K.I. 480445M), Philippa Xuereb (K.I. 228657M)*** *huma l-inkwilini tar-rikorrenti tal-fond* ***11, Triq Gorg Borg Olivier Street, Sliema, kanturniera ma' Trejqet ir-Regina Vittoria b'bieb iehor f'din it-triq li jgib in-Numru 9*** *ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

II. ***Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini intimati* ***Anthony Henry Xuereb (K.I. 480445M), Philippa Xuereb (K.I. 228657M)*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi), mahruga taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

III. ***Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2023, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

IV. ***Tikkundanna*** *lill-inkwilini* ***Anthony Henry Xuereb (K.I. 480445M), Philippa Xuereb (K.I. 228657M)*** *jibdew jhallsu dik it-tali kera hekk likwidata.*

V. ***Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fl-14 ta' Novembru, 2023, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-fond. L-atturi ukoll ghandhom jipproducu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti awturi taghhom jekk dan il-fond gie ghand l-atturi b' wirt, jew kopja tal-kuntratt jekk gie akkwistat inter vivos..*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk*

*l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan.*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilin tissoddisfa it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed jista' jidhol fuq:*

[https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx](https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx)

*Illi jigi rilevat li l-inkwilin tkun tista' tibbenefika minn skema ta' sussidju tal-kera jekk tikkwalifika skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilin trid tkun qed tabita fil-fond bhala residenza ordinarja taghha.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra r-risposta ta` **Anthony Henry Xuereb et** ppreżentata fil-21 ta' Frar, 2024, li permezz tagħha eċċepew is-segwenti:

1. *Illi qabel kollox ir-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq il-fond de quo;*

2. *Illi l-esponenti jgawdu minn titolu ta' kera fuq il-fond de quo protetta skont id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola t-Tigdid tal-Kiri ta' Bini (Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta), u jikkonfermaw li huma dejjem onoraw l-obbligazzjonijiet taghhom f'dan ir-rispett;*

3. *Illi huwa rilevat li dana l-Onorabbli Bord ghandu qabel xejn iwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilin skont ir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), Legislazzjoni Sussidjarja 16.11. Filwaqt li l-esponenti jikkonfermaw li bdew il-process tal-kumpilazzjoni tad-dokumentazzjoni mehtiega sabiex jitwettaq l-imsemmi test tal-mezzi, huma jehtiegu aktar zmien sabiex ilestu dan l-ezercizzju;*

4. *Illi assumendo li l-esponenti jissodisfaw it-test tal-mezzi, hija l-umli fehma taghhom li, tenut kont is-sitwazzjoni finanzjarja u c-cirkustanzi taghhom, li l-kera ghandha tigi riveduta ghal ammont ferm aktar baxx mill-massimu ta' tnejn fil-mija (2%) tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tal-fond de quo;*

Ra n-Noti tal-intimati ppreżentati fis-7 ta' Novembru 2024 u fis-7 ta' Jannar 2025 li flimkien magħhom ġew ippreżentati diversi dokumenti, liema Noti ġew iġġuramentati mill-intimat fl-4 ta' April 2025;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond numru 11, Triq Ġorġ Borg Olivier, Sliema lill-intimati.

Illi fl-ewwel lok l-Awtorita` tad-Djar u l-intimati talbu li r-rikorrenti jġibu prova tat-titolu tagħhom fuq il-fond odjern. Il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promutur illi huma s-sidien tal-fond in kwistjoni.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimati pproduċew prova tad-dħul u tal-assi tagħhom.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11 sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad- dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimati jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimati kellhom tmienja u sebgħin (78) sena u sitta u sittin (66) sena rispettivament.

Fir-rigward tal-livell ta' dħul, persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) sena jew iktar, tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix il-ħamsin elf ewro (€50,000).[1] Filwaqt li persuna li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena tkun tista' tissodisfa l-istess kriterju jekk id-dħul ma jeċċedix is-sitta u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€46,500).

Fir-rigward tal-livell ta' kapital, persuna li jkollha ħamsa u sebgħin (75) jew iktar, tissodisfa t-test tal-kapital jekk l-istess kapital ma jeċċedix is-sitt mitt elf ewro (€600,000) għall-perjodu rilevanti.[2] Filwaqt li persuna li jkollha bejn sitta u sittin (66) sa ħamsa u sebgħin (75) sena tkun tista' tissodisfa l-istess kriterju jekk id-dħul ma jeċċedix l-mitejn u ħamsa u erbgħin elf ewro (€245,000).

---

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-Artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-Artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-Artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-Artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

In oltre, ai termini tar-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-każ li l-kerrej ikun miżżewweġ, it-test tal-mezzi għandu jinkludi d-dħul u l-kapital tal-konjuġi konġuntivament.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż il-prospett esebit a fol. 99 sa fol. 100, jirriżulta illi l-intimati jaqbżu l-ammonti ta' kapital imsemmija hawn fuq u kwindi ma jissodisfawx il-kriterji tal-kapital tat-test tal-mezzi.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' disa' mija u għoxrin elf ewro (€920,000).

Illi għaldaqstant, la darba ġie stabbilit li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi, dan il-Bord irid jiffissa l-kumpens dovut lir-rikorrenti għas-sentejn li l-intimati se jkunu permessi li jabitaw fil-fond in kwistjoni. Illi l-kera perċepita preżentement mir-rikorrenti għall-istess fond hija waħda irriżorja u li żgur ma tirriflettix il-valur lokatizju preżenti tal-istess fond.

Illi bid-dħul *in vigore* tal-Att XXIV tal-2021 il-leġislatur ħalla fid-diskrezzjoni ta' dan il-Bord x'kumpens jillikwida favur is-sidien għall-okkupazzjoni tal-fond li l-okkupanti tagħhom ma jissodisfawx il-kriterji tat-test tal-mezzi. Tenut kont tal-valur tal-fond in kwistjoni u l-mezzi tal-inkwilini, il-Bord iqis li l-kumpens xieraq għandu jkun ta' tlettax-il elf u tmien mitt ewro (€13,800) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimati, billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeciedi illi l-konjugi Anthony Henry Xuereb (K.I. 480445M), Philippa Xuereb (K.I. 228657M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti tal-fond 11, Triq Ġorġ Borg Olivier Street, Sliema, kanturniera ma' Trejqet ir-Regina Vittoria b'bieb ieħor f'din it-triq li jġib in-Numru 9 u dana ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li tali ordni ġiet mogħtija fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

3. Jiċħad it-tielet u r-raba' talba stante li l-intimati ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi;

4. Jilqa' l-ħames talba u filwaqt li jiddikjara li l-intimati Anthony Henry Xuereb u Philippa Xuereb ma jissodisfawx il-kriterju tal-kapital tat-test tal-mezzi, jordna l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond numru 11, Triq Ġorġ Borg Olivier, Sliema fi żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza u kif ukoll jordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf u tmien mitt ewro (€13,800) fis-sena pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem bħala kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni mil-lum 'il quddiem u sakemm jibqgħu fl-okkupazzjoni tal-istess fond fiż-żmien konċess lilhom permezz ta' din is-sentenza;

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**